MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 464/2000/1

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**vs**

**Joseph Quattromani**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' April, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-Korporazzjoni attrici fl-14 ta' April 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' mitejn u sebgha u hamsin lira maltija wiehed u ghoxrin centezmu (Lm257.21) dovuti mill-konvenut kwantu ghas-somma ta' Lm129.80 ghal ilma li nstab mhux registrat f'Joslin Court,

Triq J Quintanus, Bugibba fit-13 ta' Frar, 1995 u fix-xhur ta' qabel,u kwantu ghas-somma ta' sittax-il lira u hamsin centezmu (Lm16.50), prezz ta' zewg meters ta' l-ilma, u kwantu ghas-somma ta' Lm110.91 bhala rimborz ta' l-ispejjez ta' l-ispezzjoni li saret mill-korporazzjoni attrici fil-fond u fl-istess data.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju,1998, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament is-socjeta' attrici ghandha ticcara liema azzjoni qieghdha tezercita.

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut jirriserva li jinvoka terminu preskrittiv alternattiv darba lis-socjeta' attrici tkun iccarat il-punt sollevat fl-ewwel eccezzjoni tieghu.

3. Illi fil-meritu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-eccipjenti fl-ebda mod ma utilizza jew ikkonsuma ilma mhux registrat kif allegat fl-avviz. L-eccipjent diga' gie liberat minn proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu a bazi tal-istess fatt, u minn dawk il-proceduri rrizulta ampjament illi l-eccipjenti kien totalment estraneju ghall-allegazzjonijiet tas-socjeta' attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

B'referenza ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut, il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal tal-21 ta' Gunju 2001 (fol 29) fejn "il-partijiet informaw lill-Qorti li f'dan l-istadju u sakemm jinghad mod iehor, il-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-kwistjoni ta' preskrizzjoni". Dan il-verbal ma giex modifikat jew irtirat sakemm il-Qorti halliet

il-kawza ghas-sentenza u ghalhekk fuq l-iskorta ta' l-istess verbal il-Qorti mhijiex ser tidhol fuq il-kwistjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, jirrizulta mill-provi illi l-konvenut kien proprjetarju tal-fond maghruf bhala "Joslin Court" Triq J Quintanus, Bugibba. Fit-13 ta' Frar 1995 kienet saret *surprise inspection* fil-garaxxijiet ta' dawn il-fondi mill-haddiema ta' Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u fil-partijiet komuni u f'garaxx li kien accessibli nstabu pajpijiet ta' l-ilma illi kellhom *stopcock* minnfejn setgha jittiehed ilma mhux registrat. Il-konvenut gie addebitat l-ewwel b'responsabbilta' kriminali u issa b'responsabbilta' civili ghal konsum illecitu. F'din il-kawza l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma qieghdha titlob il-hlas ta' mitejn u sebgha u hamsin lira maltija wiehed u ghoxrin centezmu (Lm257.21) ghal ilma mhux registrat illi gie kkunsmat f'dawn il-fondi.

Il-konvenut xehed illi meta saret is-*surprise inspection* hafna mill-fondi kienu diga' nbieghu. Kien zamm xi penthouse ghalih, kif ukoll xi garaxxijiet. Quddiem din il-Qorti a fol 38 qal "….. dawk [il-pajpijiet] minn dejjem kienu hemm. Dawna qeghdin fil-bidu nett u ma jistax ikun mod iehor, ghax inkella l-fondi l-ohra ma kienx ikollhom ilma." Il-konvenut ikompli jghid illi l-pajpijiet kienu tpoggew minn-nies tal-gvern biex il-quddiem, ikun jista' jkun hemm is-servizz ta' l-ilma. Irrizulta pero' illi xi hadd nehha l-*plugs* ta' dawn il-pajpijiet u pogga *stopcock*, biex b'hekk l-ilma setgha jittiehed liberament minghajr ma jkun registrat. Il-konvenut jinnega li huwa responsabbli ta' dak illi gara. Jghid illi l-garaxxijiet kienu miftuha u ghadhom miftuhin ghal kulhadd u jista' jkun illi kien hemm xi hadd li ghamel uzu minn dan l-ilma, anke waqt il-kostruzzjoni ta' l-istess fondi.

Ikkunsidrat:

Filwaqt illi l-Qorti tista' tifhem illi l-konvenut forsi ma kienx ha parti fit-tqeghid ta' dawn l-istopcock u jista' jkun ukoll illi tqieghdu ad insaputa tieghu, jibqa' l-fatt illi bhala sid il-fondi dana kellu r-responsabbilta' illi jissorvelja dak illi kien

qed isir hemm gew. Jekk ittiehed xi ilma minn dawn l-istopcocks, dana sar a beneficcju tal-konvenut, peress illi l-fondi kienu tieghu u l-ilma ntuza ghal kostruzzjoni ta' l-istess. Mhijiex skuza li l-konvenut ighid illi ma kienx jaf x'kien qed isir. Ir-responsabbilta' kienet tieghu u messu kien aktar deligenti fl-affarijiet tieghu u jara li ma jkun hemm hadd qed jabbuza minn xi facilitajiet illi setgha ghamel.

Din il-Qorti tikkondividi bis-shih il-konkluzzjoni illi wasal ghaliha l-Magistrat fil-kawza Kriminali deciza fil-5 ta' Marzu,1998 meta l-Qorti qalet *"waqt li wiehed jista' jcanfar lill-imputat illi kien forsi negligenti fis-sens, illi ma spezzjonax fid-dettal ix-xoghol ta' installazzjoni li sar ghan-nom tieghu, wiehed m'ghandhux jaddebitah b'responsabbilta' kriminali f'dan in-nuqqas".* Hawnhekk tohrog car id-differenza bejn ir-responsabbilta' Kriminali u dik Civili. Filwaqt li dik ta' l-ewwel trid tigi pruvata minghajr dubbju ragonevoli dettat mir-raguni, r-responsabbilta' civili hija bizzejjed jekk tirrizulta xi negligenza jew traskuragni da parti tal-konvenut li minhabba f'hekk l-attur sofra danni. Il-Qorti m'ghandhix dubbju illi l-konvenut kien xi ftit negligenti meta huwa halla l-pajpijiet b'mod accessibli ghal kulhadd, biex b'hekk seta' sar abbuz billi twahhal *stopcock* u ttiehed ilma minghajr ma jkun registrat. Il-Qorti mhijiex qieghda tghid illi dan materjalment twettaq mill-konvenut, pero' kienet responsabbilta' tieghu li jara dan ma jsirx u li l-fondi tieghu ma jkunux accessibli ghal kulhadd b'mod illi jsir abbuz minghajr ma jkun jaf. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi dan in-nuqqas tal-konvenut igib mieghu responsabbilta' Civili fis-sens tal-Ligi, u l-Qorti jidhrilha illi l-Korporazzjoni attrici ppruvat il-kaz taghha f'dan ir-rigward.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tal-korporazzjoni attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' mitejn u sebgha u hamsin lira maltija wiehed u ghoxrin centezmu (Lm257.21) dovuti minnu inkwantu ghas-somma ta' mija u disa' u ghoxrin lira u tmenin centezmu (Lm129.80) ghal ilma li nstab mhux registrat f'Joslin Court,

Triq J Quintanus, Bugibba fit-13 ta' Frar, 1995 u fix-xhur ta' qabel, u kwantu ghas-somma ta' mija u ghaxar liri u wiehed u disghin centezmu (Lm110.91) bhala ri-imborz ta' l-ispejjez ta' l-ispezzjoni li saret mill-korporazzjoni attrici fil-fondi u fl-istess data, u inkwantu ghas-somma ta' sittax-il lira u hamsin centezmu (Lm16.50), prezz ta' zewg meters ta' l-ilma.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut."

Il-konvenut hassu aggravat b'din id-decizjoni u minnha appella bl-ilmenti f'dawn it-termini:-

1. L-azzjoni attrici hi preskritta fit-termini tal-Artikolu 2153 u 2156 tal-Kodici Civili. Huwa jsostni illi d-danni reklamati huma ta' natura akwiljana izda, ankorke, l-perijodu preskrittiv kellu jkun dak ta' hames snin jirrizulta li parti mis-somma pretiza, u cjoe Lm16.50 rapprezentanti l-prezz ta' zewg meters tal-ilma u Lm110.91,0 rapprezentanti spejjez tal-ispezzjoni li ghamlet il-Koporazzjoni attrici, hi preskritta stante li bl-ittra ufficjali l-Korporazzjoni appellata talbet biss il-hlas ta' konsum mhux registrat;

2. Fil-meritu l-Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet taghha minghajr ma hadet konjizzjoni kompleta tax-xhieda moghtija fil-kawza. Huwa jikkontendi wkoll illi t-talba tal-Korporazzjoni kienet wahda bazata fuq supposizzjoni u ma tressqet l-ebda xhieda li tilhaq il-livell rikjest mil-ligi li hija ndikattiva illi sar l-abbuz allegat.

Ghal dawn l-aggravji l-Korporazzjoni attrici wiegbet kif gej:-

1. Il-preskrizzjoni eccepita a tenur tal-Artikolu 2153 kienet giet irtirata mill-appellat. Dik, invece, eccepita taht l-Artikolu 2156 tinsab interrotta bl-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju 1998 u, wkoll, bl-avviz promotur introdott fl-14 ta' April 2000.

2. L-aggravju fil-meritu huwa nsostenibbli billi bhala sid il-blokk ta’ appartamenti fejn sar il-konsum abuziv tal-ilma, ma offra l-ebda spjegazzjoni fir-rigward tal-provi pozittivi li tressqu minnha.

Premessi dawn l-aggravji u r-risposta ghalihom, huwa logiku illi l-ewwel ezercizzju li jrid isir huwa dak jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti humiex rinunzjati jew interrotti.

Jibda biex jigi osservat illi hi ligi li “l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista’ tinghata f’kull waqt tal-kawza, imqar fl-appell” (Art 2112 tal-Kodici Civili). Dan ifisser illi “jekk il-konvenut jonqos li jtiha fl-ewwel istanza, b’daqshekk ma jitlifx u lanqas jigi li rrinunzja ghaliha, izda ghandu l-jedd igibha l-quddiem sa l-ahhar, anki fl-appell, sakemm il-kawza tigi maqtugha” (**Kollez Vol XXIX pI p326**).

Dan affermat, ma jfisserx pero` illi l-konvenut ma jistax jirrinunzja ghall-preskrizzjoni. Dan hu hekk provvdut expressis fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 2108 tal-Kodici Civili: “Tista’ ssir rinunzja ghall-prreskrizzjoni ga akkwistata”. Dak li l-ligi tipprojbixxi hi biss r-rinunzja preventiva ghall-preskrizzjoni (subinciz (1) ta’ l-Art 2108).

Mill-atti f’dan il-kaz jirrizulta li l-konvenut appellant kien qajjem bit-tieni eccezzjoni tieghu l-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Art 2153 tal-Kap. 16 u b’nota ulterjuri (fol 23) invoka wkoll it-terminu preskrittiv a bazi tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili. Aktar tard pero` b’verbal tal-21 ta’ Gunju 2001 (fol 29), huwa rtira kemm din in-Nota kif ukoll it-tieni eccezzjoni. Issokta jinghad ukoll dejjem f’dan l-istess verbal illi l-Qorti ma kellhiex tidhol fil-kwistjoni tal-preskrizzjoni sakemm ma tigix diretta xort’ohra mill-partijiet. Direttiva din li qatt ma wasslet lill-ewwel Qorti tant li din issenjalat dan il-punt proprju fil-bidunett tal-konsiderandi taghha. Dan premess, il-Qorti trid tara jekk l-irtirar taz-zewg preskrizzjonijiet imsemmija (Art 2153 u Art 1027) kienx jammonta ghal rinunzja ghalihom da parte tal-konvenut appellant.

L-Artikolu 2109 (1) tal-Kap 16 testwalment jipprovdi illi “r-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista’ tkun espressa jew tacita”.

Fil-kaz ta' rinunzja espressa din trid tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci; fil-kaz ta' rinunzja tacita din ghandha tigi nterpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi dezunta ma tkunx tista tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja (Art 2109 (2); "**Michele Tabone et -vs- Emmanuele Sammut noe**", Prim'awla, 10 ta' Ottubru 1950; "**Carmelo Galea –vs- Dottor Albert Camilleri noe**", Appell Civili, 18 ta' Marzu 1977).

Hija dottrina komunement accettata illi r-rinunzja ghall-preskrizzjoni hija manifestazzjoni unilaterali tal-volonta` inekwivokabbli tal-konvenut debitur li jabdika ghall-effetti tal-preskrizzjoni u li ma jridx japrofitta ruhu mill-preskrizzjoni kompjuta. L-indagini fil-kaz de quo naturalment tirrikjedi ezami tal-verbal precitat a fol 29 biex minnu jigi stabbilit jekk tistax tigi ndotta r-rinunzja. Kif drabi ohra ntqal "l'esame della natura dell'atto e la sua efficacia ad operare la rinuncia e` rimesso all'apprezzamento dei tribunali; i quali devono ancora prendere in calcolo tutte le circostanze in cui l'atto fu eseguito, e che possono talora spiegare la sua efficacia" (**Kollez Vol XXVIII pII p112**).

L-appellanti jikkontendi fil-korp tal-appell tieghu illi hu kien irrizerva fin-nota tal-eccezzjonijiet illi jinvoka terminu preskrittiv alternattiv la darba l-Korporazzjoni attrici tkun iccarat ix-xorta ta' azzjoni esperita minnha. Dan huwa veru. Daqstant iehor pero` huwa veru wkoll illi kwantu ghall-preskrizzjonijiet a norma tal-Artikolu 2153 u 1027 dawn gew minnu irtirati proprju wara li l-Korporazzjoni attrici spjegat ix-xorta ta' azzjoni taghha. Dan ukoll johrog mill-verbal tal-21 ta' Gunju 2001 (fol 29). Meta hu ghamel dan ma ghamelx ukoll rizerva li jekk jokkorri jerga' jissolleva l-preskrizzjonijiet partikolari fuq imsemmija. Rizerva li kienet hekk konsentita lilu ghax kif jghallem il-**Borsari** "la rinuncia espressa si puo` combinare utilmente con una protesta ossia con riserve esplicite che facessero conoscere le vere intenzioni dell'emittente" (Comm. Del Cod. Civ. Ital., art 2111 para 4383). F'dan is-sens huma d-decizjonijiet tal-Qrati taghna riportati a **Vol XVII pI p57** u **Vol XLIV pI p321**.

F’dan il-kaz il-Qorti hi sodisfatta illi l-kondotta tal-appellant fil-verbal precitat hi nkompatibbli mal-volonta` tieghu li jivvantaggja ruhu mill-preskrizzjonijiet akkwistati fuq specifikati.

Dan stabbilit, l-appellant issa f’din is-sede qed jiddefendi ruhu wkoll billi jikkontrapponga ghat-talba tal-Korporazzjoni appellata l-preskrizzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 2156. Preskrizzjoni din li ma gietx sollevata minnu fil-prim’istanza, ghalkemm hadd ma jinnega illi hu ghandu dritt iqajjimha fl-istadju tal-appell (Art 2112; “**Paul Balzan nomine -vs- John A. Scicluna noe**”, Appell, 3 ta’ Dicembru 1999), salv s’intendi l-kwestjoni rigwardanti l-kap tal-ispejjez (**Kollez. Vol. XXXIV pI p329**).

Konsiderata l-materja mill-perspettiva ta’ din il-preskrizzjoni l-Qorti ssib li anke jekk “gratia argomenti” din il-preskrizzjoni kwinkwennali taht l-Art 2156 kellha tkun applikabbli ghal kaz, din jirrizulta li giet miksura bil-fatt tal-ittra ufficcjali (fol 20) kif ukoll bl-introduzzjoni tal-avviz debitament notifikat kif hekk irid l-Artikolu 2128 tal-Kap 16. Lanqas allura din il-preskrizzjoni ma tista’ sservi biex tiggjova l-linja difensjonali tal-appellant.

Eliminat it-terren fir-rigward tal-preskrizzjoni eccepita, din il-Qorti ma tarax kif tista’ tiddisturba l-apprezzament li sar mill-Qorti nferjuri dwar l-aggravju fil-meritu. Fir-rigward taghmel biss dawn l-osservazzjonijiet agguntivi:

i. L-appellanti ma gab l-ebda provi in sostenn tal-affermazzjoni tieghu illi hu kien iddispona mill-“bicca l-kbira tal-appartementi tal-block lil terzi”. Huwa la esebixxa kopji tal-kuntratti u lanqas ressaq l-akkwirenti biex jixhdu u jikkoroboraw din l-istess affermazzjoni;

ii. Jekk kif allegat mill-appellant l-istop cocks ma twahhlux fuq struzzjonijiet tieghu, u anzi dawn gew installati minn haddiema tal-Gvern (Ara deposizzjoni tieghu a fol 38), messu harrek ix-xhieda idonei biex jaghtu fidi lil din l-allegazzjoni tieghu.

iii. Jekk ma kienx hu li ghamel l-applikazzjoni ghall-provvista tal-ilma dan ma jfisserx illi bhala sid il-fond ma kellux juza wkoll id-diligenza u l-vigilanza kollha mehtiega biex jassikura illi l-ebda abbuz ma jkun qed jigi perpetrat fi hwejjgu. Dan in-nuqqas tieghu hu bizzejjed ghall-iskop tal-accertament tar-responsabilita` civili.

In bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha suesposti l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jithallsu mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------